2025/2264

10.11.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2264

tal-1 ta' Settembru 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2024/2594 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi u ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 32/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2594 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2024 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni, ta' ġestjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1899/85 u (KEE) Nru 1638/87 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 54(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ("NEAFC"), approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE ([2]).

(2) Ir-Regolament (UE) 2024/2594 jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri ta' konservazzjoni, ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-NEAFC adottati sal-2023.

(3) Fil-laqgħa annwali tagħha f'Novembru 2024, l-NEAFC adottat rakkomandazzjonijiet għall-konservazzjoni, għall-ġestjoni u għall-kontroll tal-istokkijiet tal-iskorfni pelaġiċi tat-Tramuntana tal-baxx u tal-fond fil-Baħar Irminger u fl-ilmijiet biswitu, tal-iskorfni pelaġiċi tat-Tramuntana fis-subżoni 1 u 2 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), u bidliet rigward il-proċeduri għan-notifika tal-bastimenti tas-sajd u tal-uffiċjali b'aċċess għad-data dwar is-sajd għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għas-sorveljanza. Jenħtieġ li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(4) Ir-Regolament (UE) 2024/2594 ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 32/2012 ([4]) issa ma għadux validu u jenħtieġ li jitħassar,

([1]) ĠU L, 2024/2594, 8.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2594/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1981/608/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1236/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 32/2012 tal-14 ta' Novembru 2011 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 13, 17.1.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2012/32/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2024/2594 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu b'mezzi elettroniċi lill-Kummissjoni l-informazzjoni tal-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma rreġistrati fl-Unjoni li jkunu beħsiebhom jawtorizzaw biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja, inkluż kwalunkwe bastiment li jwettaq jew li jippjana li jwettaq riforniment jew provvista mill-ġdid lill-bastimenti tas-sajd. Dik l-informazzjoni għandha tintbagħat sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena għas-sena ta' wara jew fi kwalunkwe każ qabel l-involviment f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja.";

(2) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-EFCA l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ismijiet u d-dettalji tal-ispetturi tal-port tal-NEAFC awtorizzati jwettqu spezzjonijiet skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu V tal-Iskema tal-NEAFC f'konformità mal-format tal-Anness XIV;

(b) l-ismijiet u d-dettalji tal-uffiċjali li jawtorizzaw il-ħatt l-art, it-trażbordi u l-użu ta' servizzi portwarji oħrajn; kif ukoll

(c) l-ismijiet u d-dettalji ta' kwalunkwe uffiċjal ieħor li jrid jingħata aċċess għas-siti web u għall-applikazzjonijiet għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għas-sorveljanza tal-NEAFC.";

(3) l-Annessi IV u V huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 32/2012 jitħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emendi tal-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2024/2594

A. L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 3.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

Id-daqsijiet tal-malja tal-manka li ġejjin u l-kundizzjonijiet assoċjati japplikaw fiż-Żona Regolatorja:

Daqs tal-malja tal-manka	Żoni ġeografiċi	Kundizzjonijiet
Mill-inqas 100 mm	Iż-żona kollha	L-ebda
Mill-inqas 100 mm	Subżoni 1 u 2 tal-ICES	Sajd dirett għas-sebasti pelaġiċi (*Sebastes mentella*)
Mill-inqas 35 mm	Iż-żona kollha	Sajd dirett għall-istokkafixx
Mill-inqas 32 mm	Subżoni 1 u 2 tal-ICES	Sajd dirett għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) Għandu jitqabbad għarbiel bi spazju massimu tal-vireg ta' 22 mm
Mill-inqas 16 mm	Iż-żona kollha	Sajd dirett għall-kavall, għall-kapelin ([1]) u għall-arġentini

([1]) Bastiment għandu jitqies li qed jistad għall-kapelin jekk il-kapelin li jkollu abbord ikun jaqbeż il-50 % skont il-piż tal-ammont totali ta' kapelin u speċijiet oħrajn abbord."

(2) il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. **Miżuri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sebasti fil-Baħar Irminger u fl-ilmijiet biswitu**

4.1. L-attivitajiet kollha tas-sajd għandhom ikunu pprojbiti fiż-żona ddelimitata mill-koordinati li ġejjin imkejla skont is-sistema WGS84:

Latitudni	Lonġitudni
63°00′N	30°00′W
61°30′N	27°35′W
60°45′N	28°45′W
62°00′N	31°35′W
63°00′N	30°00′W

4.2. Il-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art fil-portijiet tal-Unjoni, l-iskorfni pelaġiċi tat-Tramuntana tal-baxx u tal-fond (*Sebastes mentella*) mill-Baħar Irminger u mill-ilmijiet biswitu (is-subżoni 5, 12 u 14 tal-ICES, u s-subżoni 1 u 2 tal-NAFO). Dik il-projbizzjoni għandha tapplika għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'portijiet ta' pajjiżi terzi wkoll.

4.3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jipparteċipaw f'operazzjonijiet tat-trażbord li jinvolvu l-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 4.2.

4.4. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jirrifornu jew jagħtu servizzi ta' sostenn lil kwalunkwe bastiment tas-sajd b'qabdiet tal-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 4.2.

4.5. Il-bastimenti tas-sajd li jkunu stadu direttament għall-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 4(2) wara l-5 ta' Marzu 2025 ma għandhomx ikunu awtorizzati jħottu l-art, jittrażbordaw jew jagħmlu użu minn kwalunkwe servizz portwarju ieħor fil-portijiet tal-Unjoni.

4.6. Il-bastimenti tas-sajd li jkunu stadu direttament għall-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 4(2) wara l-5 ta' Marzu 2025 ma għandhomx jingħataw awtorizzazzjoni jwettqu kwalunkwe attività tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni.

4.7. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jipparteċipaw f'operazzjonijiet tat-trażbord li jinvolvu bastimenti li jkunu stadu direttament għall-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 4(2) wara l-5 ta' Marzu 2025.

4.8. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jirrifornu jew jagħtu servizzi ta' sostenn lil kwalunkwe bastiment tas-sajd li jkun stad direttament għall-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 4(2) wara l-5 ta' Marzu 2025.

4.9. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 4.1 sa 4.8 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2027.";

(3) il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. **Miżuri għas-sajd tas-sebasti f'ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES**

6.1 L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jiżguraw li l-informazzjoni xjentifika tingħabar minn osservaturi xjentifiċi abbord il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Bħala minimu l-informazzjoni miġbura għandha tinkludi data rappreżentattiva dwar is-sess, l-età u l-kompożizzjoni skont it-tul, skont il-fond. Din l-informazzjoni għandha tkun rappurtata lill-ICES mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

6.2 Il-kaptana ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jużaw il-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin biex jistabbilixxu l-ekwivalenti f'piż ħaj tal-piż tal-prodott tas-sebasti:

(i) 2,03 għall-prodott imnaddaf u mingħajr ras (qatgħa Ġappuniża),

(ii) 1,50 għall-prodott imnaddaf u mingħajr ras (qatgħa tonda), u

(iii) 1,08 għall-prodott imnaddaf bir-ras.";

B. L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. **Messaġġ ta' notifika**

Element tad-data	Obbligatorju (O)/Fakultattiv (F)	Rimarki
Isem il-bastiment	O	L-isem tal-bastiment
Sinjal tas-sejħa bir-radju	O	Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
Stat tal-Bandiera	O	L-istat fejn huwa rreġistrat il-bastiment
Numru tal-OMI tal-bastiment	O ([3])	In-Numru tal-OMI/UVI tal-bastiment
Numru ta' referenza intern	F ([1])	In-numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala kodiċi tal-Istat tal-bandiera alfa-3 segwit minn numru
Numru tar-reġistrazzjoni estern	O	In-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment
Isem il-port	F	Port tar-reġistrazzjoni
Sid il-bastiment	O ([2])	Il-persuna responsabbli għall-użu tal-bastiment
Noleġġatur tal-bastiment	O ([2])	Il-persuna responsabbli għall-użu tal-bastiment
Tip ta' bastiment	O ([5])	Kodiċi tat-tip ta' bastiment tal-FAO

Element tad-data	Obbligatorju (O)/Fakultattiv (F)	Rimarki
Irkaptu tal-bastiment	F	Klassifikazzjoni statistika tal-FAO tal-irkaptu tas-sajd
Kapaċità tal-bastiment f'GT	O	Il-kapaċità tal-bastiment f'konformità mal-konvenzjoni ta' Londra ICTM-69
Tul totali tal-bastiment	O	Tul totali f'metri
Potenza tal-bastiment	O	Potenza tal-magna f'kilowatt
Awtorizzazzjoni limitata	F	Id-dettalji tal-liċenzja; awtorizzazzjoni soġġetta għal restrizzjonijiet speċifiċi fuq l-operat fiż-Żona Regolatorja, 'Iva' jew 'Le'";

(2) in-noti f'qiegħ il-paġna huma sostitwiti b'dan li ġej:

"([1]) Numru tas-CFR

([2]) Liema minn dawn ikun xieraq

([3]) Obbligatorju għall-bastimenti soġġetti għar-Riżoluzzjoni A.1078 (28) tal-OMI

([4]) Liema minn dawn ikun xieraq

([5]) Għar-riforniment jew għall-provvista mill-ġdid tal-bastimenti tas-sajd, it-tip ta' bastiment huwa obbligatorju u għandu jintuża l-kodiċi "FX".".